

32006D0894

13.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 353/1

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Diċembru 2002

dwar proċediment skond l-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA kontra Alfa Acciai S.p.A., Feralpi Siderurgica S.p.A., Ferriere Nord S.p.A., IRO Industrie Riunite Odolesi S.p.A., Leali S.p.A., Acciaierie e Ferriere Leali Luigi S.p.A. li tinsab f'likwidazzjoni, Lucchini S.p.A., Siderpotenza S.p.A., Riva Acciaio S.p.A., Valsabbia Investimenti S.p.A., Ferriera Valsabbia S.p.A. u kontra l-assoċjazzjoni ta' l-intrapriżi Federacciai, Federazione delle Imprese Siderurgiche Italiane.

(Każ C.37.956 – Vireg li jirrinforzaw il-Konkrit P'Għamla Tonda)

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5807)

(It-test bil-lingwa Taljana huwa l-uniku wieħed awtentiku)

(2006/894/KE)

Fis-17 ta' Diċembru 2002 il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni dwar proċediment skond l-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni li jinsabu fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat⁽¹⁾, b'din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni tippublika l-ismijiet tal-partijiet interessati u l-kontenut essenzjali tad-deċiżjoni inklużi is-sanzjonijiet imposti, waqt li tirrispetta l-interess leġittimu ta' l-intrapriżi li ma tikxifx is-sigriet kummerċjali tagħhom. Teżisti verżjoni mhux kunfidenzjali tat-test sħiħ tad-deċiżjoni fil-lingwa awtentika u fil-lingwi li taħdem bihom il-Kummissjoni fuq is-sit ta' l-Internet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni f'dan l-indirizz: http://europa.eu.int/comm/competition/index_en.html.

I. TAQSIRA DWAR IL-KSUR

Attribuzzjoni tar-responsabbiltà

Destinatari u natura tal-ksur

- (1) Id-destinatari tad-deċiżjoni huma: Alfa Acciai S.p.A., Feralpi Siderurgica S.p.A., Ferriere Nord S.p.A., IRO Industrie Riunite Odolesi S.p.A., Leali S.p.A., Acciaierie e Ferriere Leali Luigi S.p.A. li tinsab f'likwidazzjoni, Lucchini S.p.A., Siderpotenza S.p.A., Riva Acciaio S.p.A., Valsabbia Investimenti S.p.A., Ferriera Valsabbia S.p.A. u l-assoċjazzjoni ta' l-intrapriżi *Federacciai*, Federazione delle Imprese Siderurgiche Italiane.
- (2) Id-destinatari wettqu ksur uniku, kumpless u kontinwu ta' l-Artikolu 65(1), tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (minn hawn' il quddiem it-"trattat") li għandu bħala għan jew bħala effett l-iffissar tal-prezzijiet b'hekk illi sar ftehim dwar il-limitazzjoni jew il-kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ fis-suq Taljan tal-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda fil-forma ta' vireg jew rombli.

- (3) Għal dak li għandu x'jaqşam mad-destinatarja Alfa Acciai S.p.A., għet identifikata attività li għaliha huma responsabbli, minbarra Alfa Acciai S.p.A., l-Acciaieria Megara S.p.A. (mill-1996 'il quddiem) u Alfa Acciai S.R.L. (qabel l-1996) kif ukoll Acciaierie di Sicilia S.p.A..
- (4) Għal dak li għandu x'jaqşam mad-destinatarja Feralpi Siderurgica S.p.A., għet identifikata attività li għaliha huma responsabbli l-Feralpi Siderurgica S.p.A. kif hi kostitwita illum, kif ukoll il-Feralpi Siderurgica S.R.L. (mill-1990) u l-Feralpi Siderurgica S.p.A. ta' qabel.
- (5) Għal dak li għandu x'jaqşam mad-destinatarja Leali S.p.A. u Acciaierie e Ferriere Leali Luigi S.p.A. li jinsabu f'likwidazzjoni, għet identifikata attività li għaliha huma responsabbli kemm il-Leali S.p.A. u l-Acciaierie e Ferriere Leali Luigi S.p.A. li jinsabu f'likwidazzjoni, kif ukoll l-Acciaierie e Ferriere Leali Luigi S.p.A. (sa Novembru 1998) li ħadu posthom. Wara dik id-data, Leali S.p.A. hija unikament responsabbli għall-imġieba li għaliha qed issir oġġezzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1

- (6) Għal dak li għandu x'jaqsam mad-destinatarji Lucchini S.p.A. u Siderpotenza S.p.A., għet identifikata attività li għaliha huma responsabbli kemm Lucchini S.p.A. u Siderpotenza S.p.A., kif ukoll l-intrapriża komuni Siderpotenza S.p.A. (sal-1991) u ta' Lucchini Siderurgica S.p.A. (sa l-aħħar ta' l-1997).
- (7) Għal dak li għandu x'jaqsam mad-destinatarja Riva S.p.A., għet identifikata attività li għaliha huma responsabbli Riva S.p.A., kif ukoll Fire Finanziaria S.p.A., Riva Prodotti Siderurgici S.p.A., Acciaierie e Ferriere di Galtarossa S.p.A. u Acciaierie del Tanaro S.p.A.
- (8) Għal dak li għandu x'jaqsam mad-destinatarji Valsabbia Investimenti S.p.A. u Ferriera Valsabbia S.p.A., għet identifikata attività li għaliha huma responsabbli kemm il-Valsabbia Investimenti S.p.A. kif ukoll Ferriera Valsabbia S.p.A., u dik li qabel kienet Ferriera Valsabbia S.p.A. (sas-sena 2000) u aktar qabel Ferriera Valsabbia S.p.A. (sa l-1990).
- (9) Għal dak li għandu x'jaqsam mad-destinatarji l-oħra tad-deċiżjoni, dawn huma l-istess intrapriżi u l-istess assoċjazzjoni, kif ukoll l-istess persuni ġuridiċi bl-istess denominazzjoni soċjali, attivi fis-suq tal-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda mill-bidu tal-ksur (mill-1993 għal Ferriere Nord S.p.A.).

Tul taż-żmien tal-ksur

- (10) L-intrapriżi hađu sehem fl-ksur, għall-inqas fiż-żmien imsemmi hawn taħt:
- Alfa Acciai SpA, mis-6 ta' Diċembru 1989 sa l-4 ta' Lulju 2000;
- Feralpi Siderurgica SpA, mis-6 ta' Diċembru 1989 sas-27 ta' Ġunju 2000;
- Ferriere Nord, SpA mill-1 t' April 1993 sa l-4 ta' Lulju 2000;
- IRO Industrie Riunite Odolesi SpA, mis-6 ta' Diċembru 1989 sas-27 ta' Ġunju 2000;
- Leali SpA u Acciaierie e Ferriere Leali Luigi SpA li jinsabu f'likwidazzjoni, mis-6 ta' Diċembru 1989 sas-27 ta' Ġunju 2000;
- Lucchini SpA/Siderpotenza SpA, mis-6 ta' Diċembru 1989 sas-27 ta' Ġunju 2000;
- Riva SpA, mis-6 ta' Diċembru 1989 sas-27 ta' Ġunju 2000;
- Ferriera Valsabbia SpA u Valsabbia Investimenti SpA, mis-6 ta' Diċembru 1989 sas-27 ta' Ġunju 2000;
- Federacciai, Federazione delle Imprese Siderurgiche Italiane mis-6 ta' Diċembru 1989 sa l-24 ta' Lulju 1998.

Is-suq tal-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda

- (11) Il-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda huma prodott twil, ta' 5 mm jew aktar, laminat bis-šhana, bil-wiċċ lixx, bil-qxur jew irrigat għar-rinforz tal-konkrit. Il-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda jiġu pprovduti fil-forma klassika ta' vireg dritti (li jiġu laminati bis-šhana fuq tren tal-vireg). Il-vireg jistgħu ikunu ta' 12, jew ta' 6, 14 u rament ta' 18-il metru.
- (12) Il-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda f'rombli jiġu ppreżentati f'forma ta' romblu li mbagħad jiġi ddrattat u maqtuġħ minn min se jużah fit-tul li għandu bżonn. Il-prezz tal-vireg f'rombli li ssoġu jgħid qasxjejn aktar minn dak f'vireg, normalment jasal biex iqarreb għal prezz ta' dan ta' l-aħħar.
- (13) It-tipi kollha ta' vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda jiġu mbagħad maħduma f'sezzjoni ċirkulari ta' dijametri differenti, skond il-ħtieġa ta' l-użu strutturali, li jibdeu minn dijametru ta' 40 mm. Il-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda f'rombli ma jaqbiż id-dijametru ta' 16 mm. Id-daqs tad-dijametru jgħid miegħu prezz magħruf bħala qies akbar min-normal' li jiżied mal-prezz bażiku tal-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda.
- (14) Iċ-ċilindru jintuża l-aktar fis-settur tal-bini biex isaħħaħ il-bini.
- (15) Fost il-ħmistax-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropeja, l-akbar kwantita' ta' vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda tiġi prodotta l-Italja. Il-fatturat miksub f'dan il-qasam mill-intrapriżi destinatarji ta' din id-deċiżjoni, li lejn l-aħħar tal-perjodu ta' ksur kienu jirrappreżentaw madwar 80 % tas-suq Taljan, fis-snin 2000, 2001 kien ilaħħaq għal madwar 900 miljun euro.

Kif jaħdem il-kartell

- (16) Il-Federacciai u l-intrapriżi l-oħra li ikkooperaw magħha, iddeċidew u ippratikaw għall-inqas mit-tmiem tas-sena 1989, l-iffissar uniformi tal-prezzijiet tal-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda ta' qies akbar min-normal' fl-Italja. Minn April ta' l-1992, l-intrapriżi bl-appoġġ ta' Federacciai, estendew id-deċiżjonijiet u l-imġieba tagħhom dwar l-iffissar tal-prezz bażiku tal-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda fl-Italja. Mill-istess data u sax-xahar ta' Settembru 1995, il-ftehim ġie estiż għall-iffissar tal-kondizzjonijiet ta' ħlas.
- (17) Għall-inqas mit-tmiem ta' l-1994 il-Federacciai strutturat b'mod aktar sistematiku l-attività organizzativa tagħha, kemm fejn jidħlu l-prezzijiet kif ukoll fejn jidħlu l-kwantitajiet prodotti u mibjuġha tal-vireg li jirrinforzaw il-konkrit f'għamla tonda.
- (18) Mill-1995 il quddiem, il-parteċipanti fil-ftehim bdew jiftehmu dwar it-tnaqqis jew il-kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ, bl-iskop li jnaqqsu l-kwantitajiet ta' vireg maħruġa fuq is-suq. Xi wħud mill-intrapriżi li jipproduċu il-vireg, bdew iħaddmu sistema ta' kontroll reċiproku multilaterali, aktar preċiża u sistematika, tal-kwantitajiet prodotti u mibjuġha minn kull intrapriża.
- (19) Il-Kummissjoni m'għandix f'idejha biżżejjed informazzjoni biex turi l-eżistenza tal-ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni għall-perijodu ta' wara l-4 ta' Lulju 2000. Ta' min wieħed

jgħid li mhux l-intrapriżi kollha neċessarjament ħadu sehem fl-aġir li ġew hawnhekk spjegati u li xi wħud minnhom ħadu sehem fihom għal perijodi iqsar minn dawk imsemmija.

II. MULTI

L-ammont bażiku

- (20) Il-ksur tikkonsisti fi ftehim uniku, kumpless u kontinwu, li għandu bħala oġġett l-iffissar tal-prezzijiet u l-limitazzjoni jew il-kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ, li min-natura tagħhom jirrappreżentaw ksur ferm gravi ta' l-Artikolu 65 (1), tat-Trattat KEFA. Il-kartell kien estiż għat-territorju kollu tar-Repubblika Taljana. Ġie aċċertat li l-ftehim tal-kartell tpoġġa fil-prattika u li kellu effett fuq is-suq, għalkemm mhux dejjem intlaħqu l-effetti mixtieqa. Il-Kummissjoni għalhekk tħoss li d-destinatarji wettqu ksur gravi ħafna. Il-fatt li l-effetti tal-ftehim ġew limitati biss għas-suq Taljan ma jnaqqasx il-gravità tal-ksur minn ferm gravi għal gravi, għaliex wieħed irid iżomm f'moħħu ukoll l-importanza tal-produzzjoni Taljana.
- (21) Madankollu, mingħajr preġudizzju għan-natura ferm gravi tal-ksur, meta ġiet biex tiffissa l-ammont bażiku tal-multa, il-Kummissjoni tat każ tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dan il-każ, li għandu x'jaqsam ma' suq nazzjonali li, fiż-żmien li ġraw il-fatti, kien suġġett għar-reġim partikolari tat-Trattat KEFA u li fih l-intrapriżi destinatarji tad-deċiżjoni irrappreżentaw, fl-ewwel perjodu tal-ksur, parti limitata tas-suq in kwistjoni.
- (22) Skond l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA, assoċjazzjoni ta' intrapriżi ma tistax ikollha impost fuqha ħlas b'lura ta' multi jew pieni. Madankollu m'hemm xejn fit-test ta' l-Artikolu 65(1) li jissuġġerixxi li l-projbizzjoni awtorizzata minn din id-disposizzjoni ma tapplikax ukoll għal assoċjazzjoni li ħadet deċiżjoni li permezz tagħha il-proċess normali tal-kompetizzjoni ġie mwaqqaf, ristrett jew iffalsifikat. Għaldaqstant, għalkemm fuq *Federacciai* ma ġiet imposta l-ebda multa għall-aġir tagħha antikompetittiv, hija tibqa' d-destinatarja ta' din id-deċiżjoni.

Trattament differenzjat

- (23) Fil-kategorija tal-ksur ferm gravi, l-iskala tal-multi applikabbli tippermetti li l-intrapriżi jiġu ttrattati b'mod differenzjat, b'mod li wieħed jikkunsidra kemm l-awturi tal-ksur għandhom kapacià ekonomika effettiva li jagħmlu ħsara sinifikanti lill-kompetituri tagħhom u b'mod li l-multa tiġi f'fissata flivell li jggarantixxi li jkollha effett dissważiv biżżejjed.
- (24) Il-Kummissjoni tħoss li l-kwoti tas-suq miksuba mid-destinatarji ta' din id-deċiżjoni fl-aħħar sena sħiħa tal-ksur (l-1999), m'humiex rappreżentattivi tal-preżenza effettiva tagħhom fuq is-suq rilevanti fil-perjodu ta' referenza. Bejn l-1990 u l-1999 fil-fatt, il-kwoti msemmija tas-suq ta' dawn l-intrapriżi prattikament ittriplikaw. Għalhekk, fuq il-bażi tal-kwoti medji tas-suq tal-perjodu 1990-1999, wieħed jista' jagħraf tlett gruppi ta' intrapriżi li qed jiġu mniżżlin fl-ordni skond il-preżenza tagħhom fis-suq. Fl-ewwel grupp hemm Feralpi u Valsabbia. Fit-tieni Lucchini/Siderpotenza,

Alfa, Riva u Leali (bi kwota medja tas-suq li tlaħħaq għal kważi 70 % ta' dik ta' l-ewwel grupp). Fit-tielet hemm Iro u Ferriere Nord (bi kwota medja tas-suq li tlaħħaq għal kważi 35 % ta' dik ta' l-intrapriżi ta' l-ewwel grupp).

- (25) Għal Riva u Lucchini/Siderpotenza, hemm bżonn li jiżdied l-ammont bażiku tal-multa ikkalkulat b'relazzjoni ma' l-importanza relattiva tas-suq rilevanti, biex wieħed jagħti każ tad-daqs u tar-riżorsi globali ta' l-intrapriża msemmija. Fil-fatt, il-bejgħ miksub fi prodotti tal-KEFA minn dawn l-intrapriżi huwa superjuri ħafna (kważi 3,5 biljuni euro għal Riva fl-2001 u kważi 1,2 biljuni għal Lucchini) meta mqabbel ma' dak ta' intrapriżi oħrajn involuti f'din il-prattika. Ta' min wieħed ukoll ifakkar, kif joħroġ ċar mid-dokument, li ħafna drabi l-awtoritajiet ta' dawn l-intrapriżi kienu involuti direttament fil-ksur in kwistjoni. Għaldaqstant, biex jinkiseb effett ta' deterrent biżżejjed, hemm bżonn jiżdied l-ammont bażiku tal-multa b'225 % fil-każ ta' Lucchini/Siderpotenza minħabba li l-bejgħ ta' din l-intrapriża huwa kważi tlett darbiet akbar mill-bejgħ ta' dik li hi l-ikbar intrapriża fost l-oħrajn, u b'375 % fil-każ ta' Riva, li l-bejgħ globali tagħha fi prodotti tal-KEFA kien kważi tlett darbiet akbar minn dak ta' Lucchini/Siderpotenza. Dawn il-multiplikaturi jagħtu każ tad-disparità ferm kbira fid-daqs u r-riżorsi globali bejn dawn iż-żewġ intrapriżi u d-destinatarji l-oħra ta' din id-deċiżjoni.

Tul taż-żmien

- (26) Il-ksur għalhekk dam aktar minn għaxar snin u sitt xhur għall-intrapriżi kollha ħliet għal Ferriere Nord S.p.A. li l-ksur tagħha dam ftit aktar minn seba' snin. Għaldaqstant, it-total bażiku tal-multa jiżdied bil-105 % għall-intrapriżi kollha, ħliet għal Ferriere Nord li jiżdied bis-70 %.

Ċirkostanzi aggravanti

- (27) F'dan il-każ, il-Kummissjoni sabet biss ċirkostanza aggravanti waħda fl-aġir reċidiv ta' Ferriere Nord, li kienet diġà destinatarja tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Awissu 1989, dwar il-parteciġazzjoni tagħha fi ftehim ta' iffissar ta' prezzijiet u ta' limitazzjoni tal-bejgħ fis-settur tan-netwerk elettrika ⁽²⁾
- (28) Il-Kummissjoni tħoss għalhekk li huwa neċessarju li timponi żjieda ta' 50 % ta' l-ammont bażiku tal-multa fil-konfront ta' Ferriere Nord.

Ċirkostanzi mitiganti

- (29) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda ċirkostanza mitiganti.

⁽²⁾ ĠU L 260, 6.9.1989, p. 1.

Applikazzjoni tal-komunikazzjoni dwar it-trattament favorevoli ta' l-1996

- (30) L-ebda intrapriża destinatarja tad-deċiżjoni preżenti ma tikkwalifika biex tiġi eżentata mill-impożizzjoni tal-multa, jew biex tingħata xi tnaqqis konsiderevoli jew importanti ta' l-ammont tal-multa skond kif imsemmi fil-punti B u C tal-komunikazzjoni dwar klemenza ta' l-1996 ⁽³⁾, peress li l-ebda kundizzjoni stabbilita ma ġiet sodisfatta. Fil-fatt, l-intrapriża ma ddenunzjawsx il-ftehim la qabel u lanqas wara li l-Kummissjoni kienet ipproċediet bl-istħarriġ u ma taw l-ebda element determinanti jew probatorju bl-iskop li jiġi ppruvat li l-ftehim kien tassew jeżisti.
- (31) Dwar il-punt D tal-komunikazzjoni ta' l-1996, il-Kummissjoni tagħraf li Ferriere Nord tatha indikazzjonijiet utli li permezz tagħhom il-Kummissjoni setgħet tifhem aħjar kif kien qed jaħdem il-ftehim. Il-Kummissjoni jidhrilha li dan jissodisfa il-punt D, l-ewwel subartikolu tal-komunikazzjoni, li jindika li huwa possibbli li jitnaqqas l-ammont tal-multa f'każ fejn, qabel tintbagħat il-komunikazzjoni bl-akkużi, intrapriża tagħti lill-Kummissjoni informazzjoni, dokumenti jew elementi ta' prova oħra li jgħinu biex jikkonfermaw is-sussistenza tal-ksur.
- (32) Il-Kummissjoni tħoss li huwa ġġustifikat li jingħata tnaqqis ta' 20 % mit-total tal-multa lil Ferriere Nord.

Deċiżjoni

1. Qegħdin jiġu imposti dawn il-multi:

— Feralpi Siderurgica S.p.A.	10,25 miljun euro,
— Valsabbia Investimenti S.p.A. u Ferriera Valsabbia S.p.A., flimkien	10,25 miljun euro,
— Lucchini S.p.A. u Siderpotenza S.p.A., flimkien	16,14 miljun euro,
— Alfa Acciai S.p.A.	7,175 miljun euro,
— Riva Acciaio S.p.A.	26,9 miljun euro,
— Leali S.p.A. u Acciaierie e Ferriere Leali Luigi S.p.A. li jinsabu f'likwidazzjoni flimkien	6,093 miljun euro,
— Leali SpA ⁽⁴⁾	1,082 miljun euro,
— IRO Industrie Riunite Odolesi S.p.A.,	3,58 miljun euro,
— Ferriere Nord S.p.A.	3,57 miljun euro,
2. Federacciai u l-intrapriżi msemmijin fil-lista itemmu immedjatament l-ksur, jekk għadhom ma għamlux dan. Huma jastjenu milli jirrepetu atti jew aġir analogi għall-ksur li ġiet aċċertata f'dan il-każ taħt eżami u milli jadottaw miżuri li jista' jkollhom skop jew effett ekwivalenti.

⁽³⁾ ĠU C 45,19.2.2002, p. 3.

⁽⁴⁾ Trid issir distinzjoni bejn l-imġieba li kellha Acciaierie e Ferriere Leali Luigi S.p.A sakemm waslet għal likwidazzjoni u dawk konnessi ma' l-imġieba li kellha Leali S.p.A. minn meta twaqqfet: dawk tal-bidu jiġu imputati flimkien lil Acciaierie e Ferriere Leali Luigi S.p.A. li qegħda tiġi likwidata u lil Leali S.p.A., dawk tat-tieni jiġu attribwiti biss lil Leali S.p.A. Għaldaqstant, l-ammont ta' l-ammenda ġie maqsum f'żewġ perjodi, b'mod proporzjonat skond iż-żmien, l-ewwel perjodu ta' bejn il-bidu tal-ksur u l-25 ta' Novembru 1998 u l-ieħor bejn din id-data u t-tmiem tal-ksur. L-ammont tal-multa li għandu x'jaqsam ma' l-ewwel perjodu jiġi attribwit lil Leali S.p.A. u lil Acciaierie e Ferriere Leali Luigi S.p.A. li qegħdin jiġu likwidati flimkien, waqt li l-multa konnessa mat-tieni perjodu tiġi attribwita biss lil Leali SpA.